Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14917/22

ENER 606
CLIMA 611
CONSOM 302
TRANS 720
AGRI 643
IND 484
ENV 1177
COMPET 916
FORETS 122

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Novembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 639 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL **Rapport tal-2022 dwar l-Ilħuq tal-Miri tal-Enerġija Rinnovabbli għall-2020**

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 639 final.

Mehmuż: COM(2022) 639 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.11.2022
COM(2022) 639 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport tal-2022 dwar l-Ilħuq tal-Miri tal-Enerġija Rinnovabbli għall-2020

1. DAĦLA

L-enerġija rinnovabbli hija element ewlieni fil-ġlieda tal-UE kontra l-isfidi relatati mal-klima u l-ambjent kif ġie enfasizzat ukoll fir-rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija, li ġie ppubblikat fit-18 ta' Ottubru 2022[1]. Skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew[2], il-Kummissjoni Ewropea pproponiet strateġija ġdida biex tittrasforma l-ekonomija u s-soċjetà tal-UE u tpoġġiha fuq triq aktar sostenibbli. L-ambizzjonijiet miżjuda biex jitnaqqsu l-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990, u biex issir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050, jistgħu jintlaħqu biss b'sistema tal-enerġija integrata, fil-biċċa l-kbira bbażata fuq enerġiji rinnovabbli. Għalhekk, f'Lulju 2021, il-Kummissjoni pproponiet li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (RED II)[3] u li żżid is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija fl-2030 għal tal-anqas 40 %[4], li hu żieda mill-ambizzjoni ta' mill-inqas 32 % stabbilita fl-RED II.

Wara l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-UE ppubblikat il-Pjan REPowerEU tagħha[5] bil-għan li tnaqqas malajr id-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili Russi. Il-Pjan REPowerEU jipproponi sett addizzjonali ta' miżuri sabiex tiġi ffrankata l-enerġija, jiġu ddiversifikati l-provvisti, u l-fjuwils fossili jiġu ssostitwiti malajr billi t-tranżizzjoni lejn l-enerġija nadifa tal-Ewropa tiġi aċċellerata. Biex jitwettaq il-Pjan REPowerEU, se jkun meħtieġ li jiġi aċċellerat u jitħaddem minn qabel l-użu tal-enerġiji rinnovabbli u li l-proċessi industrijali jiġu ttrasformati biex jissostitwixxu l-gass, iż-żejt u l-faħam. Bħala parti mill-Pjan REPowerEU, il-Kummissjoni ppreżentat proposta ġdida biex temenda l-RED II[6]. F'din il-proposta, il-Kummissjoni tipproponi li żżid il-mira tal-enerġija rinnovabbli tal-2030 għal mill-inqas 45 %. Permezz ta' aktar simplifikazzjoni u tqassir tal-proċeduri amministrattivi għall-għoti tal-permessi, l-ippjanar strateġiku mwettaq mill-Istati Membri u t-trawwim ta' proġetti f'żoni partikolarment xierqa għall-użu tal-enerġija rinnovabbli, il-proposta għandha l-għan li tiżgura t-tnedija aktar mgħaġġla ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli.

Għalhekk, l-enerġija rinnovabbli hija essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-klima, is-sigurtà tal-provvista u l-indipendenza mill-importazzjonijiet tal-enerġija Russa.

Il-qafas tal-2030 għall-appoġġ tal-enerġija rinnovabbli jibni fuq il-progress li sar skont id-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (RED I)[7], li kienet fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2021. Skont RED I, l-Istati Membri kellhom jilħqu miri nazzjonali individwali għall-2020, li kienu konsistenti ma' mira ta' enerġija rinnovabbli għall-UE kollha ta' mill-inqas 20 %. Kif jeħtieġ l-Artikolu 27 tar-Regolament ta' Governanza (UE)

---

[1] COM(2022) 547 final.

[2] COM(2019) 640 final.

[3] Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82.

[4] COM(2021) 557 final.

[5] COM(2022) 230 final.

[6] COM(2022) 222 final.

[7] Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16.

2018/1999[8], l-Istati Membri kellhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar l-ilħuq tal-miri nazzjonali tagħhom għall-enerġija rinnovabbli għall-2020 sat-30 ta' April 2022.

L-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri fir-rapporti tagħhom, issupplimentata bid-*data* mill-Eurostat u mil-letteratura xjentifika disponibbli[9], hija miġbura fil-qosor u analizzata f'dan id-dokument.

Dan ir-rapport tal-Kummissjoni jikkonsisti f'5 kapitoli. Wara d-daħla, il-Kapitolu 2 jipprovdi valutazzjoni ġenerali fil-livell tal-UE dwar il-progress fl-użu tal-enerġija rinnovabbli. Il-Kapitolu 3 jeżamina s-sejbiet preċedenti fid-dawl tal-impatti tal-pandemija tal-COVID-19. Il-Kapitolu 4 iżid analiżi aktar dettaljata tas-sejbiet fl-Istati Membri individwali, inklużi eżempji tal-aħjar prattika. Il-Kapitolu 5 jipprovdi l-konklużjonijiet.

2. IL-PROGRESS TAL-UE FL-UŻU TAL-ENERĠIJA RINNOVABBLI

Fl-2020, **l-UE laħqet sehem ta' 22,1 % tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija, u b'hekk qabżet is-sehem ta' 20 % li kien il-mira skont l-RED I**. Bħala medja, is-sehem ġenerali tal-enerġija rinnovabbli ilu jiżdied b'0,8 punti perċentwali kull sena mill-2011, b'żieda ferm aktar qawwija ta' 2,2 punti perċentwali bejn l-2019 u l-2020. Barra minn hekk, fis-**setturi individwali – l-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ, u t-trasport** – l-ishma tal-enerġija rinnovabbli żdiedu b'mod kostanti matul l-aħħar 10 snin.

Is-sehem relattiv ta' enerġiji rinnovabbli kien l-akbar fis-**settur tal-elettriku (SER-E)** b'kontribut ta' 37,5 % fl-2020. Is-settur ra żieda partikolarment qawwija ta' 2 punti perċentwali mill-2018 sal-2019, u ta' 3,4 % mill-2019 sal-2020. Is-sehem tal-enerġiji rinnovabbli fis-**settur tat-tisħin u t-tkessiħ (SER-H&C)** laħaq it-23,1 % fl-2020 u b'hekk żdied b'5,7 punti perċentwali fl-aħħar 10 snin. Għas-**settur tat-trasport (SER-T)**, l-ishma laħqu 10,2 % fl-2020; b'mod ġenerali, l-iżvilupp kien inqas dinamiku u seħħ aktar bil-mod.

[8] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1.

[9] Kontributur ewlieni huwa r-rapport ta' assistenza teknika li ġej "Assessment of Member States' reports for the year 2020" [DOI 10.2833/12592] ta' Guidehouse Germany GmbH, li ġie ppubblikat fis-7 ta' Ottubru 2022. L-istudju huwa kkuntrattat mill-Kummissjoni Ewropea.

Illustrazzjoni 1. Ishma ta' SER fl-EU-27 għall-perjodu 2011-2020 (%). Sors: Eurostat SHARES.



Il-bijoenerġija għadha s-sors ewlieni ta' enerġija rinnovabbli fl-UE, b'sehem ta' 58,1 % fl-2020. L-enerġija mir-riħ issegwi b'14,3 %, l-enerġija idroelettrika bi 12,4 %, l-enerġija solari (6,9 %), is-sħana ambjentali (5,5 %) u l-enerġija ġeotermali (2,9 %).

Għall-bijoenerġija, il-bijokarburanti solidi jirrappreżentaw l-akbar sehem b'69,5 %. Il-forom l-oħra ta' bijoenerġija huma l-bijokarburanti likwidi (12,9 %), il-bijogass (10,6 %), is-sehem rinnovabbli ta' skart munċipali (6,9 %) u l-karbonju (0,2 %).

Illustrazzjoni 2. Konsum gross tal-UE ta' enerġija rinnovabbli skont it-tip (2020, % u Mtoe). Sors: Eurostat.



Is-settur tas-SER-E

Bejn l-2011 u l-2020, is-sehem tat-teknoloġiji tas-SER fil-ġenerazzjoni totali tal-elettriku ra żieda kontinwa. Fl-2020, għall-ewwel darba, l-enerġija eolika fuq l-art kellha l-akbar sehem fit-teknoloġiji tas-SER-E bi produzzjoni ta' 350 TWh fl-2020, segwita mill-enerġija idroelettrika bi 345 TWh, l-enerġija solari fotovoltajka (PV) b'139 TWh, il-bijomassa solida bi 83 TWh, il-bijogass b'56 TWh, l-enerġija eolika offshore b'47 TWh. L-elettriku ġeotermali (6 TWh), l-enerġija solari termali (5 TWh) u l-bijolikwidi (5 TWh) kellhom rwoli minuri fit-taħlita tas-SER-E.

Il-**kapaċità installata tal-ġenerazzjoni tas-SER-E** osservata fl-2020 tikkorrispondi mar-riżultati murija għall-produzzjoni tas-SER-E hawn fuq. Fl-2020, it-teknoloġija bl-ogħla kapaċità installata kienet dik tal-enerġija eolika fuq l-art b'162,5 GW b'żieda sinifikanti mill-2019 sal-2020 ta' 7,4 GW miżjuda. L-enerġija idroelettrika kellha t-tieni l-akbar kapaċità ta' ġenerazzjoni (150,8 GW), iżda, madankollu, il-kapaċità installata totali tagħha baqgħet fil-biċċa l-kbira mhux mibdula b'żieda ta' 6,5 GW biss fl-aħħar 10 snin. L-enerġija idroelettrika hija segwita mill-enerġija solari fotovoltajka li żdiedet minn 117,9 GW fl-2019 għal 135,7 GW fl-2020 (+17,7 GW). L-enerġija eolika offshore żdiedet minn 12 GW fl-2019 għal 14,5 GW fl-2020. Il-Bijomassa (15,6 GW), il-Bijogass (11,7 GW), il-Bijolikwidi (1,2 GW) u l-Enerġija Ġeotermali (0,9 GW) kellhom sehem relattivament iżgħar tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni tas-SER-E fl-2020.

Illustrazzjoni 3. Kapaċità ta' ġenerazzjoni tas-SER-E fl-EU-27 għall-2011-2020. Sors: Eurostat SHARES.



L-iżvilupp aktar mgħaġġel ta' SER-E meta mqabbel ma' SER-T u SER-H&C ġie ffaċilitat bit-tnaqqis tal-ispejjeż tat-teknoloġija maż-żmien.

B'mod aktar speċifiku, fis-**settur tal-Enerġija Eolika Fuq l-Art**, l-ispejjeż ġenerali tal-installazzjoni, tal-operat, u tal-manutenzjoni kif ukoll il-Kostijiet Livellati tal-Produzzjoni tal-Elettriku (LCOE) naqsu fl-aħħar 10 snin minħabba ekonomiji ta' skala, kompetizzjoni akbar, u l-

maturazzjoni tal-industrija. Bejn l-2010 u l-2020, l-LCOE medji ponderati globali naqsu b'54 % minn USD 0,089/kWh għal USD 0,041/kWh. Barra minn hekk, it-teknoloġija tat-turbini eoliċi fuq l-art avvanzat b'mod sinifikanti fl-aħħar snin. Fatturi bħall-għoli miżjud tal-buttun, dijametri akbar tar-rotors, u turbini dejjem aktar affidabbli kollha ppromwovew kapaċità akbar.

Fis-**Settur tal-Enerġija Eolika Offshore**, l-LCOE medji ponderati globali naqsu bi 48 % bejn l-2010 u l-2020, minn USD 0,162 għal USD 0,084/kWh, bi tnaqqis ta' 9 % sena wara sena fl-2020. Dan it-tnaqqis kien xprunat minn titjib fit-teknoloġija kif ukoll minn fatturi relatati mal-industrija, bħall-esperjenza dejjem akbar tal-iżviluppaturi u standardizzazzjoni akbar tal-produzzjoni.

Jista' jiġi osservat ukoll tnaqqis sinifikanti fl-ispejjeż fis-**settur tal-PV Solari**. Bejn l-2010 u l-2020, l-LCOE medji ponderati globali tal-impjanti PV fuq skala tal-utilità naqsu b'85 % minn USD 0,381/kWh għal USD 0,057/kWh. Fl-istess ħin, il-produzzjoni ġiet kontinwament estiża u ottimizzata, u b'mod ġenerali, l-effiċjenza tal-moduli żdiedet.

Is-settur tas-SER-H&C

Il-konsum tal-enerġiji rinnovabbli fis-settur tas-SER-H&C żdied gradwalment matul l-aħħar 10 snin[10]. Fl-2020, il-konsum tas-SER-H&C fil-livell tal-UE laħaq 100 561 ktoe. Il-bijomassa solida kienet l-akbar kontributur tal-enerġija rinnovabbli għas-settur b'79 151 ktoe. Il-konsum tal-enerġija mill-pompi tas-sħana kien ta' 13 316-il ktoe, il-bijogass 4 055 ktoe, it-tisħin termali solari 2 503 ktoe, il-bijolikwidi 669 ktoe u t-tisħin ġeotermali 867 ktoe.

Meta mqabbel mal-2004 (11,7 %), is-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fit-tisħin u t-tkessiħ prattikament irdoppja fl-Unjoni Ewropea. Din l-espansjoni tista' tiġi attribwita għal ħtiġijiet ta' tisħin aktar baxxi, iżda fuq kollox għaż-żieda fis-sħana rinnovabbli mill-pompi tas-sħana. Id-*data* tas-suq tal-pompi tas-sħana fl-Unjoni Ewropea kollha għall-2020 tikkonferma l-użu akbar tagħha fis-segment tat-tisħin u t-tkessiħ, xprunat parzjalment minn politiki f'diversi pajjiżi li huma favorevoli għall-elettrifikazzjoni tal-ħtiġijiet tat-tisħin (eż. Franza, il-Finlandja, l-Iżvezja) u ż-żieda fil-ħtiġijiet tat-tkessiħ fis-sajf għall-qasam tal-pompi tas-sħana riversibbli fil-modalità tat-tkessiħ. Apparti s-settur tal-pompi tas-sħana, setturi oħra wkoll taw spinta liż-żieda fil-konsum totali tas-sħana rinnovabbli – il-bijogass, l-iskart muniċipali rinnovabbli, l-enerġija solari u l-bijolikwidi. Bejn l-2019 u l-2020, id-distribuzzjoni bejn id-diversi setturi tas-sħana rinnovabbli ħadmet għad-detriment tal-bijofjuwil solidu (minn 76,3 għal 75 %) u għall-benefiċċju tal-pompi tas-sħana (minn 11,8 għal 12,7 %). Is-sehem tal-bijogass żdied minn 3,6 għal 3,9 %, is-sehem tal-iskart muniċipali rinnovabbli żdied minn 3,7 għal 3,8 %, is-sehem tal-enerġija solari żdied minn 2,3 għal 2,4 %, l-enerġija ġeotermali baqgħet fil-livell ta' 0,8 % u s-sehem tal-bijolikwidi żdied minn 1 għal 1,1 %[11].

[10] Peress li l-Att Delegat li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu tat-tkessiħ rinnovabbli ġie adottat fl-14 ta' Diċembru 2021, l-ishma tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli għall-2020 għadhom ma jinkludux kontribut mit-tkessiħ rinnovabbli.

[11] https://www.eurobserv-er.org/category/all-annual-overview-barometers/ .

Illustrazzjoni 4. Produzzjoni ta' tisħin u tkessiħ minn teknoloġiji tas-SER-H&C fl-EU-27 għall-2011-2020. Sors: Eurostat SHARES.



Is-Settur tas-SER-T

B'mod ġenerali, il-konsum tal-enerġiji rinnovabbli fis-settur tas-SER-T żdied b'mod kostanti matul l-aħħar 10 snin. Il-konsum tal-bijodiżil u l-bijoetanol kien staġna bejn l-2014 u l-2016 iżda minn dakinhar qed jiżdied. Minħabba l-kontribut għoli tal-bijodiżil u l-bijoetanol għas-settur tas-SER-T, l-iżvilupp ta' dawn il-bijokarburanti wassal għal żieda totali fil-konsum tal-bijokarburanti mill-2016. Il-fjuwil l-aktar użat matul il-perjodu kollu kien il-bijodiżil, li huwa wkoll l-akbar kontributur għas-SER-T fl-2020, bi 13 164 ktoe. L-użu tal-elettriku rinnovabbli għat-trasport żdied b'mod sinifikanti matul l-aħħar 10 snin. Seħħet żieda partikolarment kbira fis-settur tat-trasport bit-triq, li nbidlet minn 10 ktoe fl-2011 għal 112 ktoe fl-2020. Madankollu, meta mqabbel mal-modi l-oħra tat-trasport, speċjalment it-trasport bil-ferrovija, il-kontribut tal-elettriku fit-trasport bit-triq għadu minuri. Il-konsum tal-bijofjuwils ibbażati fuq l-għelejjel tal-ikel u tal-għalf ikompli jirrappreżenta sehem kbir tal-konsum tal-enerġija rinnovabbli fit-trasport (10 808 ktoe jew 4,5 % tal-konsum tal-enerġija tat-trasport fl-2020) filwaqt li l-konsum tal-bijofjuwils avvanzati kien aktar baxx iżda żdied b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin (1 224 ktoe fl-2020).

Illustrazzjoni 5. Il-konsum tal-enerġija fit-trasport (SER-T) fl-EU-27 għall-2011-2020. Sors: Eurostat SHARES.



3. L-EFFETTI TAL-COVID-19

Is-sehem ta' enerġija rinnovabbli ta' 22,1 % fl-UE kollha kemm hi kien affettwat ukoll minn konsum globali aktar baxx tal-enerġija minħabba l-**pandemija tal-COVID-19**. Dan kellu **impatt qawwi fuq il-livell tad-domanda għall-enerġija** fl-Istati Membri, anke meta jitqiesu fatturi oħra, bħall-varjazzjonijiet tat-temp u l-implimentazzjoni ta' politiki ta' effiċjenza enerġetika li seta' wkoll kellhom rwol fit-tnaqqis tal-konsum finali gross totali f'sena partikolari. Fl-UE kollha, **il-konsum finali tal-enerġija naqas bi 8 % meta mqabbel mal-2019**. It-tnaqqis varja bejn l-Istati Membri bil-Lussemburgu (-13,7 %) u Spanja (-12,3 %) li rreġistraw l-ogħla tnaqqis fil-konsum, filwaqt li l-Iżvezja (-2,4 %) u r-Rumanija (-1,4 %) esperjenzaw biss tnaqqis żgħir.

Min-**naħa tal-provvista**, f'termini ġenerali, il-ġenerazzjoni ta' SER kienet inqas affettwata minn sorsi oħra ta' enerġija. L-impjanti tal-enerġija li joperaw bl-enerġija solari, l-enerġija eolika u l-enerġija idroelettrika pura setgħu jkomplu l-operazzjonijiet tagħhom peress li l-kapaċità tagħhom li jiġġeneraw l-elettriku tiddependi mit-temp u mhux mid-domanda. Bl-istess mod, il-produzzjoni tal-elettriku minn SER spedibbli, bħall-bijomassa, dehret li bilkemm kienet affettwata peress li l-operat tagħhom huwa xprunat fil-biċċa l-kbira mill-appoġġ għas-SER (li b'mod ġenerali ma kienx affettwat mill-pandemija tal-COVID-19). Madankollu, għall-bijokarburanti fit-trasport jew għall-bijomassa użata għal skopijiet ta' tisħin, il-kriżi assoċjata mad-domanda aktar baxxa kellha impatti viżibbli[12].

[12] Klessmann, C., Sach, T., Grigiene, M., et al., Technical assistance in realisation of the 5th report on progress of renewable energy in the EU final update report. Task 1 & 2, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021.

Dawn il-fatturi ssarrfu f'**bidla lejn sehem ogħla ta' ġenerazzjoni ta' SER fit-taħlita tal-enerġija**[13] li kienet biss parzjalment dovuta għall-**kapaċità installata ġdida proprja**. B'mod ġenerali, **jista' jiġi konkluż li** konsum aktar baxx tal-enerġija għamel l-ilħuq tal-mira aktar faċli għall-Istati Membri.

4. VALUTAZZJONIJIET DETTALJATI TAL-PROGRESS TAL-ISTATI MEMBRI

4.1. L-ishma globali tal-enerġija rinnovabbli għal kull Stat Membru

L-ishma tal-enerġija rinnovabbli fl-2020 ivarjaw ħafna bejn l-Istati Membri, u jirriflettu l-pożizzjonijiet inizjali u l-miri nazzjonali differenti stabbiliti għal kull Stat Membru fl-RED I. L-Iżvezja kisbet l-ogħla sehem ta' enerġija rinnovabbli fl-2020 (60,1 %), segwita mill-Finlandja (43,8 %) u l-Latvja (42,1 %). Malta (10,7 %) u l-Lussemburgu (11,7 %) kellhom l-aktar ishma ta' enerġija rinnovabbli baxxi. Minkejja l-ishma ġenerali baxxi tagħhom ta' enerġija rinnovabbli, mill-2019 sal-2020, Malta u l-Lussemburgu żiedu l-ishma tagħhom ta' enerġija rinnovabbli b'+2,5 punti perċentwali u b'+4,7 punti perċentwali rispettivament (inklużi trasferimenti statistiċi).

Meta wieħed iqis kemm l-użu nazzjonali kif ukoll it-trasferimenti statistiċi notifikati bħalissa, l-Istati Membri kollha ħlief Franza kisbu sehem ugwali għal, jew ogħla, mill-mira vinkolanti tagħhom tal-enerġija rinnovabbli għall-2020 bħala parti mill-RED I. Xi Stati Membri qabżu bil-bosta l-miri tagħhom; l-Iżvezja kienet 11,1-il punt perċentwali 'l fuq mill-mira tagħha, il-Bulgarija 7,3 punti perċentwali, u l-Finlandja 5,8 punti perċentwali.

Illustrazzjoni 6. L-ishma globali tas-SER bi u mingħajr trasferimenti statistiċi vs. miri tas-SER għall-2020. Sors: Eurostat SHARES; Id-Direttiva RED I.

[13] VIA, Rapport tal-impatt tal-Covid-19 fuq l-elettriku, 2021, Covid-19 impact on electricity – Analysis - IEA .



4.2. Il-progress fis-setturi individwali: l-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ u t-trasport

Fis-**settur tas-SER-E**, l-Awstrija kellha l-ogħla sehem ta' SER-E fl-2020 b'sehem ta' 78,8 %, segwita mill-Iżvezja (74,5 %) u mid-Danimarka (65,3 %). Mill-Istati Membri kollha fl-2020, Malta (9,5 %), l-Ungerija (11,9 %) u Ċipru (12,4 %) kellhom l-aktar sehem baxx ta' SER-E.

Illustrazzjoni 7. Sehem ta' SER-E għal kull Stat Membru fl-2020. Sors: Eurostat SHARES.



Fis-**settur tat-Tisħin u t-Tkessiħ**, l-Iżvezja (66,4 %) kellha l-ogħla sehem ta' enerġija rinnovabbli fl-2020, segwita mill-Estonja (58,8 %), mill-Finlandja (57,6 %) u mil-Latvja (57,1 %). B'kuntrast ma' dan, l-Irlanda (6,3 %), in-Netherlands (8,1 %) u l-Belġju (8,4 %) kellhom l-inqas sehem ta' enerġija rinnovabbli fit-Tisħin u t-Tkessiħ.

Illustrazzjoni 8. Sehem ta' SER-H&C għal kull Stat Membru fl-2020. Sors: Eurostat SHARES.



Fis-**settur tat-trasport**, l-ogħla ishma jistgħu jiġu osservati fl-Iżvezja, fejn is-sehem ta' SER-T kien ta' 31,9 %, segwita mill-Finlandja (13,4 %) in-Netherlands u l-Lussemburgu (it-tnejn 12,6 %). Minn fost l-Istati Membri kollha, il-Greċja (5,3 %), il-Litwanja (5,5 %), il-Polonja u l-Ungerija (it-tnejn 6,6 %) kellhom l-iktar ishma baxxi ta' SER-T fl-2020.

Illustrazzjoni 9. Sehem ta' enerġiji rinnovabbli fit-trasport fl-EU-27 għall-2011-2020. Sors: Eurostat SHARES.



4.3. Il-kollaborazzjoni transfruntiera u l-użu ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni

L-RED I tipprevedi 4 tipi differenti ta' mekkaniżmu ta' kooperazzjoni: trasferimenti statistiċi, proġetti konġunti bejn l-Istati Membri, proġetti konġunti bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi u skemi konġunti ta' appoġġ. Minn dawn il-mekkaniżmi, l-Istati Membri għamlu l-aktar użu intensiv mit-trasferimenti tal-istatistika[14]. Il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Estonja, il-Belġju, il-Finlandja, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovenja, Malta, in-Netherlands u l-Irlanda ppartecipaw fi ftehimiet ta' trasferiment tal-istatistika li daħlu fis-seħħ fl-2020; uħud mill-Istati Membri parteċipanti laħqu l-mira vinkolanti tagħhom għall-enerġija rinnovabbli għall-2020 bħala riżultat ta' trasferimenti statistiċi. Ħarsa ġenerali lejn it-trasferimenti statistiċi u l-kwantitajiet tagħhom hija ppreżentata hawn taħt.

Illustrazzjoni 10. Trasferimenti statistiċi li daħlu fis-seħħ fl-2020. Sors: Eurostat SHARES.

Stat Membru – Bejjiegħ	Stat Membru – Xerrej	Ammont ta' statistika tas-SER (GWh)
Il-Litwanja	Il-Lussemburgu	250
L-Estonja	Il-Lussemburgu	400
Id-Danimarka	Il-Belġju	1800
Il-Finlandja	Il-Belġju (Flanders)	250
Ir-Repubblika Ċeka	Is-Slovenja	465

[14] Studju dwar il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom jista' jinstab fuq: https://energy.ec.europa.eu/cooperation-between-eu-countries-under-res-directive-0_en

Il-Finlandja	Il-Belġju (Flanders)	20
Il-Litwanja	Il-Belġju (Brussell Kapitali)	152
Il-Finlandja	Il-Belġju (Flanders)	1650
L-Estonja	Malta	20
Id-Danimarka	In-Netherlands	13650
L-Estonja	L-Irlanda	2500
Id-Danimarka	L-Irlanda	1000

Il-mekkaniżmi l-oħrajn ta' kooperazzjoni baqgħu fil-biċċa l-kbira mhux użati, u l-iskemi ta' appoġġ konġunt diġà stabbiliti bejn il-Ġermanja u d-Danimarka u l-Iżvezja u n-Norveġja komplew jagħtu riżultati[15]. Madankollu, il-kollaborazzjoni transfruntiera fil-forma ta' proġetti konġunti hija mistennija li tkun inċentivata ulterjorment wara l-implimentazzjoni tal-istrumenti l-ġodda li huma stabbiliti fil-livell tal-UE, b'mod partikolari l-Mekkaniżmu ta' Finanzjament tal-Enerġija Rinnovabbli[16] u t-tieqa tal-enerġija rinnovabbli tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa[17].

4.4. Miżuri meħuda biex jintlaħqu l-miri nazzjonali rinnovabbli għall-2020[18]

Kif stabbilit skont l-Artikolu 27(b) tar-Regolament ta' Governanza (UE) 2018/1999, l-Istati Membri ntalbu jipprovdu speċifikament informazzjoni dwar miżuri meħuda biex jintlaħqu l-miri nazzjonali ta' enerġija rinnovabbli għall-2020, inkluż dwar **miżuri ta' skemi ta' appoġġ**, **garanziji tal-oriġini (GO)**, u s-**simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi**.

4.4.1. Miżuri ta' skemi ta' appoġġ

Is-Settur tas-SER-E

Fis-**settur tas-SER-E**, ġew implimentati kombinamenti differenti ta' skemi ta' appoġġ fl-Istati Membri skont ir-rapporti tagħhom f'dawn l-aħħar snin. Fost l-iskemi ta' appoġġ użati biex jappoġġaw il-ġenerazzjoni ta' SER-E kien hemm **primjums feed-in (FIP)**[19], ħafna drabi

[15] Għall-2020, l-iskemi ta' appoġġ konġunt irriżultaw fi trasferimenti statistiċi ta' 50,84 GWh mid-Danimarka għall-Ġermanja u ta' 2 644 GWh mill-Iżvezja għan-Norveġja.

[16] https://energy.ec.europa.eu/topics/renewable-energy/financing/eu-renewable-energy-financing-mechanism_en.

[17] https://energy.ec.europa.eu/topics/renewable-energy/financing/financing-cross-border-cooperation_en.

[18] Abbażi tal-"Valutazzjoni tar-rapporti tal-Istati Membri għas-sena 2020", li kienet tinkludi rapporti tal-Istati Membri sottomessi kif ukoll rapporti mill-proġett preċedenti "Technical assistance in realisation of the 5th report on progress of renewable energy in the EU", il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija, Horváth, G., Schöniger, F., Zubel, K. et al., Technical assistance in realisation of the 5th report on progress of renewable energy in the EU: task 1-2: final report, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2020, https://data.europa.eu/doi/10.2833/325152 .

[19] F'FIP, l-enerġija rinnovabbli tinbiegħ fis-suq spot tal-elettriku u l-produtturi jirċievu ħlas apparti l-prezz tas-suq (sors: Feed-in Premiums (FIP) - energypedia). Filwaqt li taħt FIP fiss il-primjum riċevut huwa indipendenti mill-prezz tas-suq u għalhekk jibqa' kostanti, l-iskemi tal-FIP kontinwi jħallsu primjums li jvarjaw skont l-iżvilupp tal-

kkombinati ma' **sistemi ta' rkant**, sistemi ta' kwoti, inċentivi tat-taxxa, metraġġ nett, sussidji, self, u tariffi feed-in li ntużaw ukoll biex jappoġġaw il-ġenerazzjoni ta' SER-E. Filwaqt li l-iskemi ta' appoġġ ipprovduti jvarjaw għal kull Stat Membru, kważi l-Istati Membri kollha għandhom mill-inqas 2 skemi ta' appoġġ li jipprovdu appoġġ speċifiku għal teknoloġiji, daqsijiet tal-impjanti u atturi differenti.

Xejra ġenerali hija t-**tranżizzjoni minn tariffi feed-in (FIT) stabbiliti b'mod amministrattiv għal skemi ta' primjums feed-in** li jiffaċilitaw integrazzjoni ogħla tal-enerġiji rinnovabbli fis-suq. Barra minn hekk, l-appoġġ jingħata aktar spiss wara rkanti kompetittivi. 19-il Stat Membru implimentaw irkanti għall-appoġġ tas-SER-E sal-2020. Din ix-xejra kompliet ukoll wara l-2020: il-Belġju (2021) u r-Rumanija (2022) nedew irkanti għal proġetti eoliċi u solari u erba' Stati Membri oħra qed jikkunsidraw ukoll li jintroduċu rkanti għall-appoġġ tas-SER-E[20].

Minbarra l-FITs u l-FIPs, l-Istati Membri kollha (ħlief il-Latvja) **implimentaw miżuri fiskali supplimentari**, inklużi sussidji, self, u krediti/eżenzjonijiet mit-taxxa, biex jinkoraġġixxu l-użu tat-teknoloġiji tas-SER. Dawn il-miżuri fiskali kienu jvarjaw minn sussidji ta' investiment għal programmi ta' self għal impjanti tal-enerġija RE. Ħafna mill-miżuri fiskali ffukaw fuq teknoloġija speċifika, eż. il-programm ta' finanzjament ta' appoġġ tal-Ġermanja għal parks eoliċi offshore li kien beda diġà fl-2011, jew l-iskema ta' għotja għall-installazzjoni ta' sistemi PV ta' kejl nett f'bini residenzjali f'Ċipru.

Barra minn hekk, fl-2020, l-Istati Membri appoġġaw l-użu **ta' sistemi tas-SER-E fuq skala iżgħar fid-djar u fil-komunitajiet**. Pereżempju, din is-sena, il-Belġju, id-Danimarka, il-Litwanja, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja, il-Greċja, l-Italja, Ċipru u l-Latvja kellhom fis-seħħ skemi ta' appoġġ ta' kejl nett għall-prosumaturi.

Bosta Stati Membri introduċew **skemi ġodda ta' appoġġ għas-SER-E fl-2020**: Pereżempju, il-Portugall wettaq irkant għall-PV u l-PV flimkien mal-ħżin biex jalloka primjum feed-in u għotjiet ta' investiment. Malta lestiet skema ta' offerti kompetittiva għal tariffi feed-in għal installazzjonijiet SER ta' bejn 400 kWp u inqas minn 1 000 kWp. L-Italja stabbiliet qafas legali għall-komunitajiet tal-enerġija u l-awtokonsumaturi kollettivi li jippermetti lill-utenti finali/produtturi jingħaqdu flimkien biex jikkondividu l-elettriku ġġenerat lokalment.

Is-Settur tas-SER-T

---

prezz tas-suq, ikkalkulati abbażi tad-differenza bejn il-prezzijiet tas-suq u prezz ta' referenza tal-elettriku (sors: Feed-in Premiums (FIP) - energypedia). Jekk il-FIP kontinwu jiġi allokat permezz ta' rkant, il-proġetti jagħmlu offerti fuq livell ta' rimunerazzjoni totali (€c/kWh) u l-primjum jiġi ddeterminat *ex-post*, abbażi tal-prezzijiet ta' referenza tal-elettriku (sors: FIP, fixed or sliding - AURES II (aures2project.eu). Kuntratt għal Differenza (DfDs) huwa każ speċjali ta' FIP kontinwu, li fih jitħallsu kemm devjazzjonijiet pożittivi kif ukoll negattivi minn prezz ta' referenza fiss. Dan jintitola lill-benefiċjarju għal ħlas ugwali għad-differenza bejn prezz tal-eżerċitar fiss u prezz ta' referenza – bħal prezz tas-suq, għal kull unità ta' produzzjoni (COM (2022/C 80/01); sors: X'inhu kuntratt għad-differenza? (next-kraftwerke.com)).

[20] https://taiyangnews.info/tenders/romanias-950-mw-renewables-tender/ .

Fis-settur tas-SER-T, l-aktar xejra notevoli fl-2020 hija l-implimentazzjoni dejjem akbar ta' **skemi ta' appoġġ fiskali** mmirati direttament lejn l-użu ta' vetturi elettriċi jew plug-in, eż. permezz ta' eżenzjonijiet mit-taxxa, sussidji diretti jew bonusijiet għax-xiri ta' vetturi elettriċi, jew li jappoġġaw l-iżvilupp ta' infrastruttura tal-iċċarġjar.

Fl-2020, il-Greċja, in-Netherlands, Spanja u l-Ungerija introduċew skemi ta' appoġġ li jippromwovu l-mobilità elettronika, primarjament billi joffru sussidji għax-xiri ta' vetturi elettriċi. Spanja implimentat programm ta' appoġġ imsejjaħ MOVES II li jinkludi appoġġ li jħeġġeġ ix-xiri ta' vetturi elettriċi u l-installazzjoni ta' infrastrutturi għall-iċċarġjar. L-iskema ta' sussidju SPP introdotta fin-Netherlands tipprovdi għażliet ta' sussidju għall-konsumaturi li jridu jixtru karozzi kompletament elettriċi għall-użu privat. L-Ungerija nediet sistema ta' sejħiet għall-offerti għal vetturi elettriċi li bħala parti minnha individwi u kumpaniji jistgħu japplikaw għal livelli differenti ta' appoġġ għax-xiri ta' vettura elettrika. Il-Greċja introduċiet liġi li tipprovdi inċentivi fiskali biex tippromwovi x-xiri ta' vetturi elettriċi.

Minbarra l-appoġġ dejjem jiżdied għall-vetturi elettriċi u l-mobilità sostenibbli, l-iskema ta' appoġġ predominanti għal SER-T fl-UE għadha l-**obbligu ta' kwota għall-fjuwils rinnovabbli**. Fl-2020, il-pajjiżi kollha fl-UE użaw skema ta' obbligi, prinċipalment kwota, bħala l-iskema ta' appoġġ prinċipali biex iżidu s-sehem tas-SER-T. Filwaqt li l-iskemi tal-kwoti jvarjaw fid-dettalji tagħhom, kollha jeħtieġu li l-forniturі tal-fjuwil ifornu ċertu proporzjon ta' fjuwils rinnovabbli jew li jużaw fjuwils rinnovabbli biex inaqqsu l-intensità medja tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-fjuwils tat-trasport. L-ishma meħtieġa qed jiżdiedu b'mod ġenerali minn sena għal sena, u ħafna drabi mmiraw sehem ta' 10 % sal-2020.

Is-Settur tas-SER-H&C

B'mod ġenerali, ġew implimentati inqas skemi ta' appoġġ fis-settur tas-SER-H&C milli fis-settur tas-SER-E. L-appoġġ tal-Istati Membri huwa primarjament iffukat fuq l-appoġġ għall-investiment, jew permezz ta' sussidji jew self. Fl-2020, 22 Stat Membru pprovdew appoġġ għall-investiment fil-forma ta' sussidji, 12-il Stat Membru użaw (minbarra jew minflok is-sussidji) self biex jappoġġaw l-użu ta' teknoloġiji tas-SER-H&C.

L-istrumenti ta' appoġġ eżistenti ġeneralment japplikaw għal firxa wiesgħa ta' teknoloġiji, iżda l-biċċa l-kbira tal-appoġġ imur għall-produzzjoni tas-sħana mill-bijomassa. Teknoloġiji oħra appoġġati b'mod komuni jinkludu pompi tas-sħana ġeotermali, aerotermali u idrotermali, kif ukoll sistemi solari termali. Minbarra l-promozzjoni tal-adozzjoni tat-teknoloġiji tas-SER-H&C, l-iskemi ta' appoġġ tal-Istati Membri jiffokaw ukoll fuq il-konservazzjoni tal-enerġija u l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika.

Fl-2020, xi Stati Membri, inklużi l-Ungerija, in-Netherlands, id-Danimarka, il-Finlandja u xi reġjuni Awstrijaċi, introduċew skemi ġodda ta' appoġġ għas-SER-H&C, li jiffokaw primarjament fuq it-titjib tal-effiċjenza enerġetika tad-djar u l-installazzjoni ta' pompi tas-sħana.

4.4.2. Garanziji tal-Oriġini

Kif speċifikat mir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (Direttiva (UE) 2018/2001) (RED II), il-Garanziji tal-Oriġini (GOs) għandhom l-iskop li juru lill-konsumaturi finali s-sehem jew il-kwantità ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli f'taħlita ta' enerġija ta' fornitur determinat u fl-enerġija pprovduta lill-konsumaturi bħala parti minn kuntratti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-oriġini tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli tkun tista' tiġi ggarantita bħala tali skont it-tifsira tad-Direttiva, skont kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji.

B'mod ġenerali, in-numru ta' GOs maħruġa ilu jiżdied b'mod kostanti mill-2011[21]. Xi Stati Membri wrew tkabbir aktar mgħaġġel fil-GOs, pereżempju, Spanja marret minn sehem ta' 3 % tal-GOs totali maħruġa fl-EU-27 fl-2011 għal 17 % fl-2020. L-Awstrija evolviet minn 2 % fl-2011 għal 9 % fl-2020, u Franza marret minn 7 % għal 12 % fl-2020.

Illustrazzjoni 11. Ħruġ annwali ta' ċertifikati GO għal kull pajjiż. Sors: Statistika AIB[22].



L-Artikolu 19 tal-RED II jippreskrivi barra minn hekk li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta produttur jirċievi appoġġ finanzjarju minn skema ta' appoġġ, il-valur tas-suq tal-garanzija tal-oriġini għall-istess produzzjoni jitqies b'mod xieraq fl-iskema ta' appoġġ rilevanti. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom modi differenti biex jagħtu kont tal-elettriku appoġġat u, b'mod ġenerali, modi differenti biex jistabbilixxu s-sistemi tal-GO tagħhom.

Abbażi tar-rapport ta' assistenza teknika[23], xi Stati Membri joħorġu GOs ukoll għall-enerġija rinnovabbli appoġġata. Dan huwa l-każ għall-Greċja, għall-Finlandja, għan-Netherlands, għaċ-

[21] Fl-2011, l-adottanti prekoċi kienu l-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Portugall, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja.

[22] Sors tad-*data* oriġinali, statistika AIBhttps://www.aib-net.org/facts/market-information/statistics. Miġbura u analizzata minn Guidehouse.

[23] Rapport ta' assistenza teknika "Assessment of Member States' reports for the year 2020" [DOI 10.2833/12592] ta' Guidehouse Germany GmbH, ippubblikat fis-7 ta' Ottubru 2022. L-istudju huwa kkuntrattat mill-Kummissjoni Ewropea.

Ċekja, għall-Estonja, għal Ċipru, għal-Litwanja, għall-Polonja, u għar-Rumanija. Pereżempju, f'Ċipru "il-ħruġ ta' GOs lill-produtturi tas-SER huwa indipendenti minn kwalunkwe appoġġ riċevut, eż. appoġġ għall-investiment jew primjum tat-tariffa feed-in. Id-dħul mill-GOs għalhekk ikun ta' benefiċċju addizzjonali għall-produtturi. Il-produtturi jridu jiksbu l-approvazzjoni mill-Fond tas-SER għall-kummerċ tal-GOs".

It-tieni approċċ huwa li ma jinħarġux GOs għall-elettriku appoġġat, jew li jinħarġu GOs li mbagħad jiġu kkanċellati minnufih. Il-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, l-Irlanda, Malta, l-Awstrija, u s-Slovenja. Fl-Awstrija pereżempju, il-GOs jinħarġu għal enerġija rinnovabbli appoġġata u mhux appoġġata, iżda l-GOs minn impjanti tal-enerġija rinnovabbli mhux appoġġati biss jistgħu jiġu nnegozjati fuq livell internazzjonali, filwaqt li l-GOs appoġġati jridu jintużaw għal skopijiet ta' żvelar mill-Awstrija[24].

It-tielet, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li joħorġu GOs għal enerġija rinnovabbli appoġġata iżda dawn il-GOs jiġu rkantati ċentralment biex jikkumpensaw għall-kostijiet ta' appoġġ. F'din il-kategorija nsibu l-Italja, il-Lussemburgu, Franza, il-Portugall, il-Kroazja, is-Slovakkja, u l-Ungerija. Pereżempju, fl-Italja, il-GOs għall-enerġija rinnovabbli appoġġata ilhom jiġu rkantati mill-2013. Id-dħul dovut mill-irkanti jintuża biex jikkumpensa l-kost tal-enerġija rinnovabbli appoġġata.

4.4.3. Simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi

L-RED II stabbiliet rekwiżiti għall-Istati Membri biex jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi. Għalkemm l-RED II kellha tiġi trasposta biss sat-30 ta' Ġunju 2021, xi Stati Membri diġà kellhom għadd ta' tali miżuri ta' simplifikazzjoni fis-seħħ fl-2020 jew qabel.

Skont ir-rappurtar tagħhom, 10 Stati Membri stabbilew xi tip ta' **approċċ ta' one-stop-shop jew punt ta' kuntatt nazzjonali**. Pereżempju fil-Finlandja, iċ-Ċentru għall-Iżvilupp Ekonomiku, it-Trasport u l-Ambjent (iċ-Ċentru ELY) ta' Ostrobothnia tan-Nofsinhar ġie nnominat bħala l-punt ta' kuntatt għall-proċess tal-għoti tal-permessi għat-territorju kollu fl-2020. Fuq talba mill-applikant, il-punti ta' kuntatt għandhom jiggwidaw u jiffaċilitaw il-proċess kollu tal-applikazzjoni għall-permess amministrattiv u l-għoti tiegħu. L-applikant ma għandux ikun meħtieġ li jikkuntattja aktar minn punt ta' kuntatt wieħed għall-proċess kollu. Il-proċess tal-għoti tal-permessi għandu jkopri l-permessi amministrattivi rilevanti għall-bini, ir-repowering u l-operat tal-impjanti għall-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u l-assi meħtieġa għall-konnessjoni tagħhom mal-grilja[25].

Fi ftit każijiet, in-nuqqas ta' tweġiba tal-amministrazzjoni sa skadenza twassal għall-**approvazzjoni awtomatika tal-permessi**. Pereżempju, in-Netherlands stabbilew regoli għall-permessi għall-aspetti fiżiċi li jiddikjaraw li "l-iskadenza tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet

[24] https://www.aib-net.org/facts/national-datasheets-gos-and-disclosure.
[25] https://www.finlex.fi/fi/laki/alkup/2019/20190126.

taħt il-proċedura standard hija ta' tmien ġimgħat, li jistgħu jiġu estiżi darba b'massimu ta' sitt ġimgħat oħra. Skadenza mhux rispettata tirriżulta awtomatikament fil-ħruġ ta' permess (skont il-prinċipju tal-*lex silencio positivo*)"[26].

Xi Stati Membri għandhom fis-seħħ **miżuri speċifiċi ta' ppjanar spazjali** tal-enerġija rinnovabbli, bħal mapep li jindikaw żoni fejn jistgħu jiġu żviluppati s-SER. Tali ppjanar spazjali jista' jgħin biex titnaqqas l-oppożizzjoni mill-komunitajiet lokali u mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u jindirizza l-kwistjoni tal-iskarsezza tal-art. Pereżempju, Spanja elaborat 2 mapep għall-enerġija eolika u solari, li tikklassifika l-art f'5 klassijiet ta' sensittività ambjentali għal kull tip ta' proġett analizzat (massima, għolja ħafna, għolja, moderata u baxxa). Madankollu, il-mapep għandhom biss funzjoni informattiva u ma jissostitwixxux il-passi amministrattivi meħtieġa, bħall-ħtieġa għal Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali[27].

Is-sitwazzjoni rigward il-proċeduri tal-**applikazzjoni online** u d-diġitalizzazzjoni tad-dokumenti hija mħallta madwar l-UE. Filwaqt li ftit Stati Membri diġà joffru proċeduri online affidabbli u wesgħin, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għadhom jibdew jintroduċu aktar għodod diġitali biex jiffaċilitaw il-proċess.

Ħafna mill-Istati Membri implimentaw xi tip ta' **simplifikazzjoni għal proġetti fuq skala żgħira**, bħall-PV solari installati fuq il-bjut biex jiffaċilitaw l-awtokonsum u l-komunitajiet tal-enerġija. Barra minn hekk, 15-il Stat Membru adottaw proċedura ta' notifika simplifikata għall-konnessjonijiet mal-grilja ta' installazzjonijiet fuq skala żgħira.

4.5. Eżempji tal-aħjar prattika

Meta wieħed iħares lejn l-Istati Membri ta' suċċess, jistgħu jittieħdu xi lezzjonijiet għad-deċennju li ġej:

- Kuntest **politiku** stabbli, bi prevedibbiltà tal-iskemi ta' appoġġ, skedi tal-irkant u baġit disponibbli, jipprovdi lill-partijiet interessati bi prevedibbiltà tal-investiment.
- It-**tqegħid ta' prezz fuq il-karbonju** u t-tniġġis flimkien mal-EU ETS huwa wkoll essenzjali biex jippermetti li s-sorsi rinnovabbli jikkompetu fuq bażi ugwali. L-Iżvezja bħala l-pajjiż bl-ogħla sehem bil-bosta ta' SER fit-trasport bi kważi 32 % kienet diġà introduċiet taxxa fuq il-karbonju fl-1991. Il-Litwanja wkoll timponi taxxa ġenerali fuq it-tniġġis ambjentali b'eżenzjoni għall-użu tal-bijogass u tal-bijomassa solida u likwida għat-tisħin. Dan, flimkien ma' miżuri oħra ta' appoġġ, eż. għall-bijogass, wasslu għal sehem għoli ta' enerġiji rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u tat-tkessiħ (50,4 % fl-2020).
- **Proċeduri ta' awtorizzazzjoni rapida**, inklużi dawk stabbiliti fl-RED II u l-proposta REPowerEU biex temenda l-RED, huma essenzjali biex jitħaffef l-użu ta' enerġiji rinnovabbli għal-livelli meħtieġa biex tinkiseb il-mira riveduta tal-2030 u b'hekk

[26] https://www.eclareon.com/de/projects/res-simplify.
[27] https://www.eclareon.com/en/projects/res-simplify.

titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi. **Punti ta' kuntatt uniċi** għall-promoturi tal-proġetti huma element importanti biex il-proċeduri amministrattivi jiġu ffaċilitati u mħaffa[28]. Pereżempju, fin-Netherlands, il-permessi ewlenin jistgħu jinġabru flimkien b'approċċ ta' one-stop shop imsejjaħ "All-in-one Permit for Physical Aspects"[29]. Il-one-stop shop jaħdem permezz ta' pjattaforma online u hemm awtorità responsabbli waħda biss. Min-naħa l-oħra, kif irrakkomandat mill-Kummissjoni Ewropea fil-pjan REPowerEU, l-Istati Membri għandhom jaħtru **"żoni go-to" ddedikati għas-SER** bi proċessi ta' għoti ta' permessi mqassra u ssimplifikati[30]. Xi Stati Membri għandhom fis-seħħ miżuri simili, bħal mapep li jindikaw żoni fejn is-SER jistgħu jiġu żviluppati, iżda b'effett limitat peress li ma humiex marbuta ma' qafas regolatorju ddedikat li jwassal għal għoti ta' permessi aktar mgħaġġel. Pereżempju, il-gvern nazzjonali Spanjol ippubblika 2 mapep għall-enerġija eolika u solari, li juru t-territorju kklassifikat f'5 klassijiet ta' sensittività ambjentali għal kull tip ta' proġett analizzat (massima, għolja ħafna, għolja, moderata u baxxa). Aktar eżempji ta' prattiki tajba f'dan il-qasam jistgħu jinstabu fil-gwida tal-Kummissjoni dwar it-tħaffif tal-proċeduri ta' għoti ta' permessi għal proġetti ta' enerġija rinnovabbli.

- **Iż-żieda fl-aċċettazzjoni pubblika** tal-politiki u l-proġetti tal-enerġija huma essenzjali biex tiġi żgurata tranżizzjoni tal-enerġija b'suċċess u sostnuta. Dan jinkludi involviment bikri taċ-ċittadini u possibbilment ukoll inċentivi finanzjarji, pereżempju bħal dawk maħluqa fid-Danimarka[31]. Il-gwida msemmija hawn fuq tipprovdi aktar eżempji.

- L-użu tal-bijokarburanti bbażati fuq l-iskart[32] jista' jikkontribwixxi b'mod sostenibbli għad-**dekarbonizzazzjoni tat-trasport**, b'mod partikolari f'modi tat-trasport li huma diffiċli biex jiġu elettrifikati, flimkien mal-użu ta' Karburanti Rinnovabbli ta' Oriġini Mhux Bijoloġika. L-RED II tistabbilixxi mira ta' 3,5 % għas-sehem ta' bijokarburanti avvanzati fl-2030. Mill-2016, il-konsum tal-UE żdied aktar mid-doppju u laħaq 1 224 ktoe fl-2020. L-Istati Membri li jinsabu quddiem nett f'din it-tranżizzjoni huma l-Iżvezja b'sehem ta' 3,6 % tal-Anness IX A, segwita mill-Estonja, il-Finlandja, l-Italja, u n-Netherlands, li kollha kienu ogħla minn 1 % fl-2020.

- Filwaqt li żieda sostanzjali fl-użu ta' enerġiji rinnovabbli normalment tieħu ż-żmien, **azzjonijiet ta' politika ddedikati jistgħu jagħtu riżultati malajr**. Pereżempju, fl-2020, l-Irlanda kellha park eoliku wieħed biss li kien proprjetà tal-komunità. Minn dakinhar, ħadet azzjonijiet iffukati fuq il-komunità tal-enerġija xprunati mill-Iskema ta' Appoġġ għall-Elettriku Rinnovabbli u l-Qafas ta' Abilitazzjoni tal-Komunità, li rriżultaw fl-

[28] Skont l-RED II, dan sar obbligu għall-Istati Membri kollha.

[29] https://www.eclareon.com/en/projects/res-simplify.

[30] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_22_3131.

[31] L-iskema tinkludi skema ta' kumpens għaċ-ċittadini li l-valur tal-proprjetajiet tagħhom naqas minħabba l-installazzjoni ta' park eoliku; skema ta' benefiċċju komunitarju biex tippromwovi proġetti ta' restawr tan-natura lokali jew l-installazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'binjiet pubbliċi; u l-possibbiltà ta' sjieda konġunta, li tippermetti liċ-ċittadini lokali jixtru ishma minn proġett ta' enerġija mir-riħ, ara http://aures2project.eu/wp-content/uploads/2019/12/AURES_II_case_study_Denmark.pdf.

[32] Il-materja prima inkluża fl-Anness IX tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli.

applikazzjoni b'suċċess ta' 17-il proġett ġdid tal-komunità tal-enerġija li qed jibbenefikaw minn appoġġ minn tarf sa tarf (appoġġ finanzjarju u servizzi tal-bini tal-kapaċità) inkluż l-iżvilupp u t-tħaddim tal-proġett. L-azzjonijiet jinkludu rkant iddedikat għall-komunità għall-appoġġ operazzjonali, l-istabbiliment ta' fond tal-komunità tal-enerġija, u proċess annwali dedikat għall-konnessjoni tal-grilja.

5. KONKLUŻJONI

Bl-ilħuq tal-miri għall-2020 fil-livell tal-UE u għall-Istati Membri kollha ħlief wieħed, il-qafas RED I wera li kien ta' suċċess fit-twassil taż-żieda prevista fil-konsum tal-enerġija minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Madankollu, huwa ċar li, sabiex tintlaħaq il-mira l-ġdida ta' REPowerEU ta' 45 % proposta mill-Kummissjoni, se tkun meħtieġa żieda qawwija fl-użu tal-enerġija rinnovabbli - kważi t-triplikazzjoni taż-żieda medja annwali ta' 0,8 punti perċentwali tul l-aħħar 10 snin.

Traspożizzjoni urġenti u sħiħa tad-Direttiva tal-2018 dwar l-Enerġija Rinnovabbli RED II hija essenzjali għas-suċċess tat-tranżizzjoni tal-enerġija peress li tpoġġi l-pedament ta' introduzzjoni usa' tas-SER. Il-Kummissjoni bħalissa qed tiċċekkja t-traspożizzjoni u nediet proċeduri ta' ksur kontra l-Istati Membri kollha, li jinsabu fi stadji differenti. Barra minn hekk, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tar-reviżjoni tal-RED II - u l-miżuri settorjali li jakkumpanjawha - se jkunu essenzjali għall-ilħuq tal-mira fl-2030. Il-proposta tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2022 għandha l-għan li tneħħi l-ostakli sinifikanti għall-użu b'suċċess tas-SER billi tissimplifika u tqassar il-proċeduri għall-għoti tal-permessi. Għalhekk, il-Kummissjoni tappella lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jadottaw il-proposta sa tmiem l-2022 sabiex tkun tista' tidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jinkludu fl-NECP tagħhom abbozzi tal-aġġornamenti previsti għall-kontributi nazzjonali għall-2023 f'konformità mal-mira ta' 45 % għall-UE kollha proposta mill-Kummissjoni.

Għadu kmieni wisq biex isir tbassir fir-rigward tal-ilħuq potenzjali tal-mira tal-2030 għall-UE kollha kemm hi jew għall-Istati Membri individwali. L-ewwel stimi jissuġġerixxu li fl-2021, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fl-UE kollha żdied biss bi ftit (22,2-22,4 %), li jindika li t-tkabbir fil-konsum tal-enerġija rinnovabbli kien bejn wieħed u ieħor fl-istess livell tat-tkabbir fil-konsum finali tal-enerġija marbut mal-irkupru ekonomiku meta l-miżuri tal-COVID tnaqqsu jew tneħħew[33].

B'mod ġenerali, dan l-aħħar ġew osservati xi żviluppi pożittivi f'diversi setturi, u dan jindika li l-użu tal-enerġiji rinnovabbli miexi 'l quddiem. Fis-settur tal-elettriku, indikazzjonijiet bikrija jissuġġerixxu li l-2022 se tkun sena rekord għas-suq Ewropew tal-PV solari bi tkabbir annwali ta' bejn 17-26 % fl-użu fl-akbar swieq tal-Istati Membri tal-UE[34]. Fis-settur tat-trasport, l-aħħar

[33] L-istimi li ma humiex ivvalidati mill-Kummissjoni jistgħu jinstabu fir-Rapport taż-ŻEE Nru 10/2022 (https://www.eea.europa.eu/publications/trends-and-projections-in-europe-2022) u l-Istqarrija għall-Istampa tal-Eurobserver "2021 RES shares estimates" (https://www.eurobserv-er.org/download-press-releases/).

[34] Global Market Outlook For Solar Power 2022-2026 - SolarPower Europe.

rapport trimestrali juri tkabbir ta' 53 % sena wara sena fil-vetturi elettriċi bil-batteriji[35]. Fis-settur tal-bini, l-aħħar rapporti tas-suq għall-2021 juru qabża mgħaġġla fil-bejgħ tal-pompi tas-sħana arja-arja fil-livell Ewropew, li żdied b'34 %[36]. Fil-Finlandja, inbiegħu 75 000 pompa tas-sħana matul l-ewwel 6 xhur tal-2022, żieda ta' 80 % meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena li għaddiet[37]. Fis-settur tal-industrija, l-2021 kienet sena rekord għal ftehimiet korporattivi ta' xiri ta' enerġija rinnovabbli (PPAs) b'madwar 6,7 GW ta' kuntratti ġodda ffirmati[38].

Diversi Stati Membri diġà għamlu wegħdiet ambizzjużi għall-2030, bħal pereżempju għal sehem ta' 80 % tal-elettriku minn SER fil-Ġermanja, u anke ta' 100 % tal-elettriku minn SER fl-Awstrija u l-Estonja. Il-Portugall diġà ressaq 'il quddiem il-mira tiegħu ta' 80 % tal-elettriku minn SER b'4 snin, sal-2026. Barra minn hekk, in-Netherlands kważi rdoppjaw il-mira offshore tagħhom għall-2030 minn 11,5 GW għal 21 GW.

[35] quarterly_report_on_european_electricity_markets_q1_2022.pdf (europa.eu).

[36] 2021_heat_pump_market_data_launch.pdf (ehpa.org).

[37] https://www.sulpu.fi/record-high-sales-growth-of-80-recorded-for-heat-pumps-in-the-first-six-months-of-the-year-in-finland/.

[38] (SWD (2022) 149 final).